MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta 4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 36/2012/1 LM

**George Debono (K.I. Numru 293544M) u martu Antoinette Debono (K.I. Numru 595646M) konjuġi; Anthony Debono (K.I. Numru 696543M) u martu Lorenza Debono (K.I. Numru 917647M); Joseph Debono (K.I. numru 311477M) u martu Wendy Debono (Passaport Ingliż Numru 304978426); Anne Refalo (K.I. Numru 62401L) mart Michael Angelo sive Gino Refalo (K.I. Numru 501932M); l-Avukat Dottor tal-Liġi Michael Refalo (K.I. Numru 179936M) u martu Blanche Refalo (K.I. Numru 287242M); Mary Camilleri (K.I. Numru 863437M) u żewġha l-Maġġur Anthony Camilleri (K.I. Numru 434930M); Maria Ġiaċinta sive Cynthia Caruana Turner (K.I. Numru 18233M) u żewġha Anthony Caruana (K.I. Numru 400328M); Giuseppe Corrado Mazzone (K.I. Taljana Numru 6738907) u martu Ondina Censi (K.I. Taljana Numru AJ3316679); Luigi Filippo sive Gino Mazzone (Passaport Taljan 515052T) u martu Mary Stacy Hoffman (Passaport Taljan A087105); Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M); Albert Edward Abela (K.I. Numru 678232M); John Refalo (K.I. Numru 244429M), Edward James sive Edward**

**Turner (K.I. Numru 188830M); Maria Micallef (K.I. Taljana Numru 14671177); Luigi Mazzone (Passaport Taljan 1325251); Elena Mazzone Nicoletti (Passaport Taljan Numru 062700F) u b'digriet tal-24 ta' Ġunju, 2020, l-atti ġew trasfużi f'isem Francesco Nicoletti (K.I. Taljana Numru AU8761362), li permezz ta' nota tat-2 ta' Settembru, 2020, ċeda l-atti sa fejn jikkonċernaw lilu, Ferdinana Nicoletti (Passaport Taljan Numru YA6367780) u Giovanni Federico Nicoletti (K.I. Taljana Numru AV7457084), wara l-mewt ta' Elena Mazzone Nicoletti; James Bianchi (K.I. Numru 526688M); Alexander Bianchi (K.I. Numru 165982M); Angela Bianchi (K.I. Numru 156285M); Anthony Scerri (K.I. Numru 255738M); Erminia sive Amy Debono (K.I. Numru 773645M); Catherine Zammit Tabona (K.I. Numru 55580M); Jean Marc Bianchi (K.I. Numru 54957M) u martu Carole Bianchi (K.I. Numru 408458M); Reverend Vincent-Gordon Refalo (K.I. Numru 10262M); Francis-Ian Refalo (K.I. Numru 446865M); u kif ukoll Noelle u Alexander konjuġi Fenech (K.I. Numru 249272M) u (K.I. Numru 436067M); b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti ordnat li Christopher u Lorna konjuġi Debono, rispettivament detenturi tal-karta tal-identità bin-numru 4774M) u 539376M) assumu l-atti tal-kawża minflok ir-rikorrenti Francis Ian Refalo u r-Reverendu Vincent-Gordon Refalo; u b'digriet tas-7 ta' Settembru, 2020, l-atti ġew trasfużi mill-mejjet Anthony Scerri (K.I. Numru 255738M) għal bintu Noelle u Alexander konjuġi Fenech (K.I. Numru 249272M) u K.I. Numru 436067M); u mill-mejjet l-Avukat Dr Michael Refalo (K.I. Numru 179936M) għal (a) Angela u Christopher Borg (K.I. Numru 171767M) u (K.I. Numru 600664M), (b) Nicola u Anthony Paul konjuġi Bernard (K.I. Numru 173274M) u (K.I. Numru 336575M), u Christina (sive Tina) u Douglas konjuġi Simpson (K.I. Numru 143769M) u (Passaport Ingliż Numru 532147685), (d) Edward Refalo (K.I. Numru 430364M) u martu Charmaine Refalo (K.I. Numru 290490M); u mill-mejjet Albert Edward Abela (K.I. Numru 678232M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. Numru 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend**

**qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine (Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Numru 1156805); u mill-mejta Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. Numru 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine (Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Numru 1156805); u mill-mejta Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine (Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Nru 1156805);**

*(l-appellati)*

***vs.***

**Mario Camenzuli (K.I. Numru 356165M)**

*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Mario Camenzuli** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2018, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem "il-Bord"], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa' t-talbiet tar-rikorrenti, [minn issa 'l quddiem "l-appellati"] **George Debono (K.I. Numru 293544M) u martu Antoinette Debono (K.I. Numru 595646M) konjuġi; Anthony Debono (K.I. Numru 696543M) u martu Lorenza Debono (K.I. Numru 917647M); Joseph Debono (K.I. numru 311477M) u martu Wendy**

**Debono (Passaport Ingliż Numru 304978426); Anne Refalo (K.I. Numru 62401L) mart Michael Angelo sive Gino Refalo (K.I. Numru 501932M); l-Avukat Dottor tal-Liġi Michael Refalo (K.I. Numru 179936M) u martu Blanche Refalo (K.I. Numru 287242M); Mary Camilleri (K.I. Numru 863437M) u żewġha l-Maġġur Anthony Camilleri (K.I. Numru 434930M); Maria Ġiaċinta sive Cynthia Caruana Turner (K.I. Numru 18233M) u żewġha Anthony Caruana (K.I. Numru 400328M); Giuseppe Corrado Mazzone (K.I. Taljana Numru 6738907) u martu Ondina Censi (K.I. Taljana Numru AJ3316679); Luigi Filippo sive Gino Mazzone (Passaport Taljan 515052T) u martu Mary Stacy Hoffman (Passaport Taljan A087105); Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M), Albert Edward Abela (K.I. Numru 678232M), John Refalo (K.I. Numru 244429M), Edward James sive Edward Turner (K.I. Numru 188830M), Maria Micallef (K.I. Taljana Numru 14671177), Luigi Mazzone (Passaport Taljan 1325251), Elena Mazzone Nicoletti (Passaport Taljan Numru 062700F) u b'digriet tal-24 ta' Ġunju, 2020, l-atti ġew trasfużi f'isem Francesco Nicoletti (K.I. Taljana Numru AU8761362) li permezz ta' nota tat-2 ta' Settembru, 2020, ċeda l-atti sa fejn jikkonċernaw lilu, Ferdinana Nicoletti (Passaport Taljan Numru YA6367780) u Giovanni Federico Nicoletti (K.I. Taljana Numru AV7457084), wara l-mewt ta' Elena Mazzone Nicoletti; James Bianchi (K.I. Numru 526688M); Alexander Bianchi (K.I. Numru 165982M); Angela Bianchi (K.I. Numru 156285M), Anthony Scerri (K.I. Numru 255738M), Erminia sive Amy Debono (K.I. Numru 773645M), Catherine Zammit Tabona (K.I. Numru 55580M), Jean Marc Bianchi (K.I. Numru 54957M) u martu Carole Bianchi (K.I. Numru 408458M); Reverend Vincent-Gordon Refalo (K.I. Numru 10262M) u Francis-Ian Refalo (K.I. Numru 446865M) u kif ukoll Noelle**

**u Alexander konjuġi Fenech (K.I. Numru 249272M) u (K.I. Numru 436067M); b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti ordnat li Christopher u Lorna konjuġi Debono, rispettivament detenturi tal-karta tal-identità bin-numru 4774M) u 539376M) assumu l-atti tal-kawża minflok ir-rikorrenti Francis-Ian Refalo u r-Reverendu Vincent-Gordon Refalo; u b'digriet tas-7 ta' Settembru, 2020, l-atti ġew trasfużi mill-mejjet Anthony Scerri (K.I. Numru 255738M) għal bintu Noelle u Alexander konjuġi Fenech (K.I. Numru 249272M) u K.I. Numru 436067M); u mill-mejjet l-Avukat Dr. Michael Refalo (K.I. Numru 179936M) għal (a) Angela u Christopher Borg (K.I. Numru 171767M) u (K.I. Numru 600664M); (b) Nicola u Anthony Paul konjuġi Bernard (K.I. Numru 173274M) u (K.I. Numru 336575M); u (c) Christina (sive Tina) u Douglas konjuġi Simpson (K.I. Numru 143769M) u (Passaport Ingliż Numru 532147685); (d) Edward Refalo (K.I. Numru 430364M) u martu Charmaine Refalo (K.I. Numru 290490M); u mill-mejjet Albert Edward Abela (K.I. Numru 678232M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. Numru 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine (Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Numru 1156805); u mill-mejta Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. Numru 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine (Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Numru 1156805); u mill-mejta Maria Elena sive Mariella Abela (K.I. Numru 300330M) għal Caroline u Andrew Magri Overend (K.I. 0480960M), b'dan illi l-imsemmija Caroline Magri Overend qiegħda tidher f'isimha personali u għan-nom tal-assenti oħtha Josephine**

**(Josephine Helen) Abela (Passaport Malti Nru. 1156805)** [minn issa 'l quddiem "l-appellati"] u awtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 68A, Old Mint Street, Valletta, [minn issa 'l quddiem "il-fond"], filwaqt li ffissa terminu ta' tletin (30) jum mid-data tas-sentenza appellata għall-fini ta' żgumbrament, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-kirja tal-fond 68A, Old Mint Street, Valletta, mill-appellati lill-appellant bil-kera ta' €419.40 kull sitt xhur, li titħallas bil-quddiem.

**Mertu**

3. L-appellati intavolaw proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fl-20 ta' April, 2012, fejn talbu lill-imsemmi Bord sabiex jawtorizzahom li fl-għeluq tal-perijodu dakinhar kurrenti, huma ma jġeddux il-kirja u jirriprendu l-pussess tal-fond, u dan bl-ispejjeż kontra l-appellant.

4. L-appellant eċċepixxa (a) ir-rikors promotur huwa null stante li r-rikorrenti ġew indikati mingħajr il-miżżewġin tagħhom u l-intimat tħarrek mingħajr il-mara tiegħu; (b) it-talba tar-rikorrenti kienet mhux biss odjuża iżda wkoll intempestiva stante n-negozjati li kien hemm għaddejjin bejn il-partijiet għal tibdil fil-ħlas u fil-kundizzjonijiet oħra tal-kirja; (ċ) huwa dejjem mexa

skont il-liġi; (d) ir-rikorrenti għandhom iressqu prova tat-titolu, u dan filwaqt li għamel riferiment għall-ittri interpellatorji.

## **Is-Sentenza Appellata**

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ġurisprudenza relavanti applikabbli għall-kawża odjerna***

*Jibda sabiex jingħad illi skont verbal tat-2 ta' Diċembru 2013, a folio 39 tal-proċess, l-okkju tal-kawża sar jaqra kif indikat fir-rikors tar-rikorrenti a folio 16. B'hekk l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat illi mhux ir-rikorrenti kollha ġew indikati bi żwieġhom ġiet sorvolata, u ma hemm bżonn jingħad xejn iktar dwarha minn dan il-Bord.*

*L-intimat jirrispondi ukoll fit-tieni risposta tiegħu illi kellha tiddaħħal ukoll martu f'din il-kawża. Dan il-Bord jirreferi għas-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili 8 ta' Marzu, 2005 Ċitazzjoni Numru. 784/1996/1 Charles CONTI u martu Annie vs Valent XUEREB** fejn ġie ritenut hekk:* "Illi għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, dan jgħid li l-azzjoni attriċi hija nulla għaliex martu ma ġietx imħarrka wkoll miegħu. Għal din l-eċċezzjoni, l-atturi jirribattu li kien jaqa' fuq l-imħarrek li jipprova li l-post fejn sar il-bini li minnu huma ġarrbu ħsarat kien bini tal-komunjoni tal-akkwisti. L-imħarrek jgħid li din il-prova kienet taqa' fuq l-atturi. Fil-fatt, ma tressqet prova minn ħadd dwar jekk il-ġid li fih sar il-bini kienx tassew ġid tal-komunjoni jew ġid partikolari tal-imħarrek, għalkemm jidher li l-prova riedet issir mill-imħarrek taħt is-saħħa tal-prinċipju li l-eċċezzjoni qanqalha huwa."

*Jingħad illi l-intimat ma ipprovax illi hawn si tratta minn xi dritt li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Illi jiżdied jingħad illi għalkemm l-ittra uffiċjali, a folio 58 tal-proċess, kif ukoll il-korrispondenza, a folio 119 u 123 tal-proċess, dejjem intbagħtet mir-rikorrenti lill-intimat waħdu u dan qatt ma oppona. Finalment jingħad illi l-proċedura, Rikors Numru 46/2007, a folio 61 tal-proċess, li beda l-intimat kien bdieha waħdu u mhux flimkien ma' martu.*
*Illi għalhekk anke din it-tieni eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma d-deċiżjoni appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu kollha u tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati, bl-ispejjeż kontra l-istess appellati. L-uniku aggravju li jressaq l-appellant huwa dwar id-deċiżjoni tal-Bord li tiċħad l-eċċezzjoni tiegħu li kellha titħarrek ukoll il-mara tiegħu.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellati wieġbu fl-10 ta' Jannar, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħha s-sentenza appellata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-uniku aggravju mressaq mill-appellant, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellati u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata.

9. L-appellant jissottometti li l-Bord kellu jiċħad t-talbiet kollha tal-appellati stante li r-rikors promotur kien nieqes minn element essenzjali meta l-imsemmija appellati ma ġewx indikati flimkien mal-miżżewġin rispettivi tagħhom ġaladarba li l-kwistjoni tirrigwarda att straordinarju ta'

amministrazzjoni *ai termini* tas-subartikolu 1322(ċ) tal-Kap. 16. Kien għalhekk li l-appellati stess kienu talbu s-sejħa fil-kawża ta' martu, b'dana li t-talba kienet ġiet miċħuda mill-Bord. L-appellant jgħid li jekk wieħed jaqra r-raġunament li jagħti l-Bord fis-sentenza appellata flimkien mad-*decide*, mill-ewwel josserva li s-sentenza appellata hija waħda difettuża u ma tirriflettix id-deċiżjoni parzjali meħuda mill-istess Bord. L-appellant hawnhekk jirrileva li matul is-snin kienu saru diversi emendi intiżi biex jipproteġu l-istat maritali ta' martu, anki sabiex din ma titkeċċiex mid-dar matrimonjali. Għalhekk fil-proċeduri odjerni kellha wkoll tiġi mħarrka l-mara tiegħu sabiex il-pożizzjoni tagħha tiġi protetta u sabiex hija tkun tista' tipproteġi lilha nnifisha. L-appellant jissottometti li ġaladarba s-sentenza appellata kienet ser taffettwa r-residenza tal-familja tiegħu, hu u martu kienu qed jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tagħhom *ai termini* tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għal dak li kien jirrigwarda l-kwistjoni tal-kera, l-appellant għamel riferiment għar-risposta li huwa kien intavola quddiem il-Bord.

10. L-appellati jilqgħu billi qabelxejn jagħtu rendikont qasir tal-fatti li waslu għall-preżentata tal-proċeduri odjerni. Għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-appellant, jissottomettu li dan mhux ġustifikat u huwa wieħed infondat. Il-Bord kien indirizza l-eċċezzjoni preliminari tal-appellant u b'hekk kienet ġiet sorvolota fil-mori tal-proċeduri. Jaċċettaw li l-okkju tal-kawża kif tniżżel fis-sentenza appellata ma kienx jirrifletti l-kontenut tat-talba tagħhom għal korrezzjoni quddiem il-Bord li sussegwentement kienet ġiet milqugħa. L-appellati jissottomettu li dan l-iżball min-naħa tal-Bord kien qed jiġi indirizzat

permezz tal-kontestwali preżentata ta’ rikors min-naħa tagħhom *ai termini* tas-subartikolu 175(2) tal-Kap. 12. Għal dak li kien jirrigwardja l-ilment tal-appellant li l-kawża nfetħet biss fil-konfront tieghu mingħajr ma ġiet kjamata in kawża l-mara tiegħu, huma jissottomettu dawn l-osservazzjonijiet: (i) il-Bord indirizza dan il-punt b’mod ċar u ma kinux jirriżultaw raġunijiet li kienu jiġġustifikaw it-tħassir u/jew ir-riforma tas-sentenza appellata; (ii) l-appellant ma kienx ġab prova quddiem il-Bord li l-fond lilu mikri kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti; (iii) għall-kuntrarju l-Bord ma naqasx milli jikkunsidra dak li tipprovdi l-liġi fir-rigward ta’ atti ta’ amministrazzjoni straordinarja jew l-emendi fil-liġi kif indikati fir-rikors tal-appellant; (iv) il-fond kien dejjem mikri lill-appellant waħdu u huma dejjem ikkuntrattaw miegħu, filwaqt li huwa waħdu kien intavola l-proċeduri relattivi sabiex iwaqqa’ l-ittra uffiċjali tal-15 ta’ Mejju, 2007; (v) it-talba għas-sejħa fil-kawża ta’ mart l-appellant kienet saret mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom. Fl-aħħar nett l-appellati jissottomettu li qatt u bl-ebda mod ma kienu ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali relattivi għall-familjari tal-appellanti u hawnhekk huma jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom prelimarjament, għaliex dan mhux il-forum kompetenti fejn jiġu deċiżi allegazzjonijiet simili.

11. Il-Qorti tgħid li l-ewwel ilment tal-appellant, u dan kif sewwa jirrilevaw l-appellati, kien ġie sorvolat fil-proċeduri quddiem il-Bord meta dan permezz ta’ digriet mogħti waqt is-seduta tat-2 ta’ Diċembru, 2013, laqa’ t-talba tal-appellati kif imressqa permezz tar-rikors tagħhom kemm għal-leġitimazzjoni tal-atti u wkoll għall-korrezzjoni tal-okkju sabiex jinqara kif miktub hemm. F’dik is-seduta deher biss l-avukat difensur tal-appellant li ddikjara li (a) ma kienx

ser iwieġeb għar-rikors imsemmi; u (b) ma kienx awtorizzat li jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors u fil-fatt il-kawża tħalliet għan-notifika tal-appellant bir-rikors promotur kif korrett. Ir-rikorrent sussegwentement ta ruħu b'notifikat tramite l-avukat difensur tiegħu waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru, 2013. Il-Bord għadda għas-sentenza appellata fit-3 ta' Diċembru, 2018, mingħajr ma niżżel l-okkju skont il-korrezzjoni awtorizzata minnu stess. Għalhekk kontestwalment mar-risposta tal-appell tagħhom fl-10 ta' Jannar, 2019, l-appellanti ppreżentaw talba lil din il-Qorti *ai termini* tas-subartikolu 175(2) tal-Kap. 12 sabiex l-okkju tal-kawża jinbidel biex jirrilfetti l-korrezzjonijiet awtorizzati mill-Bord. Din il-Qorti laqgħet it-talba tagħhom permezz ta' digriet tas-7 ta' Settembru, 2020, wara li ra li saħansitra l-appellant ma kienx wieġeb għat-talba tal-appellati. B'hekk ma jidhirx li għadu jiswa l-ilment tal-appellant fir-rigward tal-indikazzjoni tal-miżżewġin tagħhom flimkien mal-isem tal-appellati kemm fir-rikors promotur kif ukoll fis-sentenza appellata.

12. L-appellant ikompli jargumenta li filwaqt li huwa kien eċċepixxa quddiem il-Bord li l-mara tiegħu wkoll kellha tkun parti mill-proċeduri, kien biss meta l-kawża waslet lejn l-għeluq tagħha li l-appellati talbu li l-Bord jawtorizza s-sejħa fil-kawża tagħha. Iżda jirrileva li din it-talba ġiet miċħuda u li tali deċiżjoni ma kinitx tirrifletti l-emendi li kienu saru sabiex jipproteġu l-istat maritali ta' martu fejn din ma setgħetx titkeċċa mid-dar stabbilita bħala d-dar matrimonjali tal-koppja miżżewġa.

13. Il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni appellata u l-Bord kien korrett meta osserva li l-intimat in sostenn tal-argument tiegħu, kien naqas milli juri li l-kwistjoni kienet tirrigwarda dritt li jispetta lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Bord

osserva wkoll li kemm l-ittra uffiċjali a *fol.* 58 u anki l-korrispondenza a *fol.* 119 sa 123 tal-proċess, dejjem intbagħtu lilu waħdu u hu min-naħa tiegħu qatt ma oġġezzjona. Il-Bord hawnhekk iżid jgħid li saħansitra l-proċeduri li beda l-appellant permezz tar-rikors 46/2007 a *fol.* 61 tal-proċess kien intavolahom waħdu u mhux flimkien mal-mara tiegħu.

14. Il-Qorti tikkondividi l-ħsibijiet tal-Bord. Dan tgħidu filwaqt li skont l-insenjament tal-qrati tagħna kif rifless fil-ġurisprudenza ċitata mill-Bord u anki mill-appellati, tagħraf li l-appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li l-fond mikri kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti għaliex saħansitra lanqas prova taż-żwieġ tiegħu ma ressaq. Barra minn hekk ma tirriżulta l-ebda prova dokumentarja jew prova oħra li martu kienet ġiet rikonoxxuta bħala inkwilin mill-appellati. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li jekk mart l-appellant dehrilha li hija kellha tipproteġi d-drittijiet tagħha, il-liġi tatiha l-mezzi kollha biex tagħmel dan u ma kellhiex għalfejn tistenna lill-appellati jieħdu ħsieb l-interessi tagħha. L-istess jingħad fir-rigward tal-ilment imressaq mill-appellat li permezz tas-sentenza appellata hu u l-familja tiegħu kienu ser jispiċċaw mingħajr fond residenzjali. L-appellant jallega li tali ċirkostanzi kienu jmorru lil hinn minn dak premess mill-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem u mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Iżda l-Qorti tirrileva li dan mhuwiex il-forum adattat sabiex jisma' l-ilment tiegħu u dan għandu jressqu quddiem il-qorti kompetenti f'materja ta' allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju mressaq mill-appellant ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellant ukoll.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**